MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 219/2000/1

**John Carbonaro**

**vs**

**Mary Anne Carbonaro**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 19 ta' Dicembru 1995, (Dokument "A") l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta martu l-ammont ta' Lm65 fix-xahar bhala retta alimentari.

Illi b'digriet ta' l-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Dicembru 1997 (Dokument "B"), il-Qorti ordnat illi l-ammont ta' Lm65 fix-xahar ghandu jitnaqqas direttament

mill-pensjoni ta’ l-attur, liema ammont kellu jithallas direttament mid-Direttur ghas-Servizzi Socjali lill-konvenuta.

Illi permezz ta’ ittra mibghuta mid-Direttur ghas-Servizzi Socjali datata 7 ta’ Jannar 1998 (Dokument “C”), l-attur gie nfurmat illi kienet saret revizjoni tal-pensjoni tieghu u dan minhabba l-fatt illi martu l-konvenuta kienet ser tibda tircievi pensjoni hija stess.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-attur beda jircievi l-pensjoni bir-rata ta’ persuna wahedha minflok ta’ persuna mizzewga bil-konsegwenza illi l-pensjoni li huwa jippercepixxi mid-Dipartiment ghas-Servizzi Socjali naqqset bin-nofs (Dokument “D”).

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

1. Tistabbilixxi retta alimentari gdida ghal manteniment iktar baxxa mill-ammont ta’ manteniment li qieghda tipprecepixxi l-istess konvenuta minn ghand l-attur konsonanti mal-mezzi finanzjarji tal-kontendenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta’ Ottubru 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000 u tat-13 ta’ Frar 2001 fejn il-konvenuta kienet ghadha mhux notifikata;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet a fol.31 tal-process fejn il-konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li a tenur tas-sentenza ta' 19 ta' Dicembru 1995 ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili l-attur gie kkundannat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' Lm65 mensili bhala retta alimentari ta' manteniment u li ghalhekk ghandu jottempera ruhu ma' l-

obbligi hemm elenkati u *di piu'* meta kien l-attur stess li kien ta lok ghas-separazzjoni ta' bejniethom;

2. Illi l-konvenuta ghandha kontro-talba rikonvenzjonali xi tressaq a tenur ta' l-**artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.32 *et seq.* tal-process;

Rat il-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta a fol.34 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi l-attur rikonvenut gie kkundannat ihallas lill-konvenuta rikonvenjenti Lm65 mensili bhala retta alimentari ta' manteniment li kienet qieghda tigi mhallsa lilha direttament mid-Direttur tas-Servizzi Socjali a tenur ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Dicembru 1995 u digriet ta' 15 ta' Dicembru 1997 rispettivament;

Illi stante l-gholi tal-hajja u diversi spejjez ohra inkorsi mill-konvenuta rikonvenjenti minhabba problemi ta' sahha taghha li jirrekjedu kura w assistenza medika kontinwa, din ir-retta alimentari mhix adegwata u hija insufficjenti biex tkopri appuntu dawn l-esigenzi kwotidjani taghha;

Illi l-attur rikonvenut huwa f'posizzjoni finanzjarja b'sahhitha bizzejjed biex tigi awmentata din ir-retta u l-konvenuta rikonvenjenti tkun tista' tghix decentement.

Illi ghalhekk il-konvenuta rikonvenzjonata talbet li l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiffissa u tistabbillixxi retta alimentari gdida ghall-manteniment pagabbli lilha mill-attur rikonvenut u dan minhabba r-ragunijiet suesposti.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.35 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat a fol.37 fejn eccepixxa:-

(1) Illi t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba maghmula minnha huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-introjtu tal-konvenuta llum zdied u mhux naqas kif qed tallega hi, filwaqt illi l-posizzjoni finanzjarji ta' l-eccipjent illum marret ghall-aghar.

(2) Illi inoltre hija trid tipprova x'inhuma l-ispejjez li qed jigu inkorsi minnha w il-problemi ta sahha taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol. 37 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr.Christopher Cilia biex jigbor il-provi; u tat-22 ta' Novembru 2001;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Mary Anne Carbonaro permezz tal-affidavit;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A). AZZJONI ATTRICI.

Illi bic-citazzjoni odjerna l-attur qed jitlob lil din il-Qorti biex tistabbilixxi retta alimentari gdida ghal manteniment aktar

baxx mill-ammont ta’ manteniment li l-konvenuta qeghda tippercepixxi minghand l-attur.

**(B). KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTA.**

Illi min-naha taghha l-konvenuta sostniet li zewgha ghandu jibqa’ jhallasha l-manteniment. Anzi permezz ta’ kontro-talba talbet biex ikun hemm zieda fil-manteniment lilha dovut minhabba l-gholi tal-hajja u diversi spejjez ohra nkorsi minnha minhabba problemi ta’ sahha taghha li jirrekjedu kura w assistenza medika kontinwa. Illi l-attur ghall-kontro-talba eccepixxa illi dan m’ghandux ikun ghax l-introjtu tal-konvenuta llum zdied u mhux naqas kif qed tallega hija.

**(C) PROVI PRODOTTI.**

Illi l-attur **John Carbonaro** xehed li qed jaghti lil martu manteniment ta’ hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) fix-xahar skond sentenza tal-Qorti tas-sena 1998 u din qed tinqata’ direttament mill-pensjoni li qed jircievi mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali skond digriet appositu. Illi meta bdiet tinqataghlu din is-somma l-pensjoni tieghu kienet ta’ madwar mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) kull erba’ (4) gimghat u kienet tinhadem fuq rata ta’ persuna mizzewga. Wara xi zmien martu wkoll lahqet l-eta’ pensjonabbli f’Marzu 1998 u hi bdiet tircievi pensjoni wkoll. Konsegwentement, id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kitibilu fejn qalulu li kellu jaghti Lm480 bhala arretrati ghaliex minn mindu martu bdiet tircievi l-pensjoni waqa’ b’rata ta’ persuna wahedha. Ovvjament ghamel perjodu fejn naqsulu mill-pensjoni sabiex jaqta’ l-arretrati dovuti.

Illi barra din il-pensjoni jircievi wkoll il-pensjoni tat-Tezor peress illi kien jahdem mal-Gvern – illum hi mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm171) fix-xahar. Illi rigward il-pensjoni tas-Servizzi Socjali ddikjara li jibqalu f’idejh sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm27) u xi centezmi.

Illi **in kontro-ezami** qal li l-manteniment li jhallas jaffettwa l-posizzjoni finanzjarja tieghu. Hu joqghod f’post F’Haz-

Zabbar proprjeta' tieghu (wirt minghand il-genituri) ghalkemm ommu ghadha hajja u tghix San Vincenz. B'hekk ma jhallas l-ebda kera. L-ispejjez tieghu jikkonsistu fil-kontijiet tat-telephone, dawl u ilma; ikel; u l-karozza; u l-kera ta' garaxx mitejn lira Maltija (Lm200) fis-sena. Il-vettura Opel Corsa kien xtraha missieru u hallijielu b'legat u giet trasferita fuq ismu wara mewtu. Missieru xtraha ghalih. Huwa qal li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha mhiex xolta ghax m'hemmx separazzjoni legali. Illi meta ha l-ghaxar t'elef lira Maltija (Lm10,000) parti minnhom poggiehom il-bank u ohrajn uzahom pero' ma ta xejn minnhom lill-konvenuta. Wara s-sentenza tal-manteniment tal-1995 rega' siefer xi darbtejn l-Ingilterra – kien ihallas biss il-passagg izda akkomodazzjoni kienet tkun b'xejn. Huwa jhobb imur jizfen izda spejjez ftit li xejn hemm. Ihobb ukoll jiekol barra u dan flok isajjar id-dar u skond l-ezigenzi. Inoltre' xehed li meta johrog ikun akkumpanjat u gieli jhallas hu u gieli jhallsulu.

Illi **Adrian Attard**, rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, xehed li l-konvenuta tircievi National Minimum Pension bir-rata ta' sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnax il-centezmu fil-gimgha (Lm27.12) fil-gimgha oltre' ghall-lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm1.34) fil-gimgha *'additional bonus'* . Huma jhallsuha wkoll parti mill-pensjoni ta' zewgha bir-rata ta' hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha in forza ta' sentenza relattiva. Hi bdiet tircievi in-*National Minimum Pension* mill-21 ta' Marzu 1998. Hija tircievi wkoll mija u sittax il-lira Maltija (Lm116) bonus fis-sena maghrufa bhala "*end of year bonus*" pagabbli fis-sena, pagament ta' tmienja u hansin lira Maltija (Lm58) f'Gunju u tmienja u hansin lira Maltija (Lm58) ohra f'Dicembru. Illi qabel ma l-konvenuta bdiet tiehu l-pensjoni hi kienet tircievi din il-pensjoni.

Illi l-attur jircievi *retirement pension* bir-rata ta' erbgha u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm24.71) fil-gimgha oltre lira Maltija u erbgha u tleiin centezmu (Lm1.34) *'additional bonus'* fil-gimgha. Ir-rata tal-pensjoni hi mahduma fuq *single rate status* peress li l-mara qed tircievi l-pensjoni taht l-**Att tas-Sigurta' Socjali**. Mill-pensjoni tieghu jitnaqqsu s-somma ta' tmintax il-lira

Maltija (Lm18) fil-gimgha biex f'idejh jiehu tlieta u hamsin lira M Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm35.88) kull erba' (4) gimghat.

Illi **Mary Anne Carbonaro** xehdet li l-ispejjez taghha zdiedu minhabba li qed ikollha thallas il-kera tal-post fejn toqghod ghax hu ma baqax ihallasha. Infatti hu telaq mid-dar u mar joqghod fid-dar tal-genituri tieghu. Hi qalet li ghandha spejjez kbar fid-dar fejn toqghod minhabba li tinhtieg manteniment sewwa – trid issir ukoll stallazzjoni tad-dawl elettriku sewwa. Hi thallas ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma; kif ukoll it-telefon. Hi tattendi wkoll l-Universita' tat-terza eta' (U3E). Hi pprezentat kopja ta' ricevuta ta' nuccali li minhabba l-eta' trid tuza' u jkollha tibdel minhabba li l-vista tvarja minn zmien ghal zmien. Hi tiehu medicina u *injections* regolarment li jgibu aktar minn wiehed u erbghin (Lm41) fis-sena. Hi xehdet li zewgha ghandu zewg karozzi – Morris Mini Minor li kien xtara qabel iz-zwieg (Reg. No. CAI 303) u Opel Corsa (Reg. No. FAI 034) li kienet inxtrat fiz-zwieg. Inoltre' xehdet li l-attur siefer kemm-il darba. Wara l-1996 ma tafx kemm-il darba siefer.

Illi l-konvenuta xehdet li meta zewgha kien spicca mix-xoghol fejn kien jahdem ta' *leading printer* dahhal ghaxar t'elef lira Maltija (Lm10,000) billi kien inghata *gratuity* u arretrati sa mill-1991. Hi ma nghatat xejn minn din is-somma ghalkemm hi rrimarkat li huma separati biss *de facto.*

Illi **in kontro-ezami** kkonfermat li hi u zewgha qatt ma sseparaw legalment u li hi tircievi l-pensjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' mija u erbatax il-lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm114.20) fix-xahar flimkien ma' zewg *bonuses* addizzjonali ta' hames liri u sitta u tlettin centezmu (Lm5.36) kull xahar flimkien mal-manteniment minghand l-attur ta' hamsa u sittn lira Malitja (Lm65) fix-xahar u m'ghandha ebda ntrojtu iehor. Il-kera li thallas ghall-post tammonta ghal ghoxrin (Lm20) fis-sena izda kienet hi li talbet lis-sid biex idawwar il-kera fuq isimha. Ikkonfermat li l-Mini Minor ghandha madwar erbgihn (40) sena pero' l-attur izommha *in mint condition.*

Hi ma tafx jekk l-Opel Corsa thallietx lilu b'legat minghand missieru. Hi qalet li d-dar fejn toqghod hi antika hafna u ghamlet hafna spejjez fid-dar pero' m'ghandhiex ricevuti u fadlilha x'taghmel. L-Universita' tat-Terza Eta' ghamlitha minn jeddha. Dwar il-visti tan-nuccali – fl-ahhar sena ghamlitha darbtejn u l-visti taghmilhom kemm l-Isptar kif ukoll privati. Rigward il-pilloli hi jkollha tixtrihom ghax mhiex intitolata tehodhom b'xejn mill-Isptar. Dawn jiswew lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1.58) kull pakkett li jservi xahar.

## (D) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li effettivament iz-zewg kontendenti huma pensjonanti. Huma ilhom ma jghixux flimkien ghalkemm m'humiex separati legalment. Illi l-attur pero' jghaddi hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) manteniment lill-konvenuta fix-xahar wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u wara digriet fil-15 ta' Dicembru 1997 gie ordnat illi dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-attur. Illi l-konvenuta wara li kien hemm tali sentenza u digriet waslet ghall-eta' pensjonabbli u bdiet tircievi l-pensjoni hi wkoll. Biss irrizulta wkoll li qabel kienet tircievi r-*relief* - l-ammont mhux maghruf - li twaqqaf kif bdiet tiehu l-pensjoni.

Illi mix-xhieda prodotti, partikolarment ta' Adrian Attard, irrizulta li l-attur jaqla' f'idejh l-ammont ta' elfejn, sitt mija u erbgha u tlettin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm2,634.44) fis-sena mill-pensjoni tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u mill-pensjoni tat-Tezor. Infatti hu ghandu erbgha u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm24.71) (*retirement pension*) + lira u erbgha u tlettin centezmu (Lm1.34) (*additional bonus*) fil-gimgha. Minn dawn jitnaqqsu hmistax il-lira Maltija (Lm15) ghall-manteniment u lira (Lm1) ghas-servizz ta' *home care* u lira u tmien centezmi (Lm1.08) bhala taxxa. B'hekk jifdallu tmien liri u sebgha u disghin cemntezmu (Lm8.97) fil-gimgha f'idejh. Ma' dan trid tizdied il-pensjoni tat-Tezor ta' mija u sbatax il-lira Maltija (Lm171) fix-xahar li twassal ghall-ammont ta' elfejn u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm2,052) fis-sena. Ovvjament jizdiedu l-*bonuses* fl-

ammont ta’ mija u sittax il-lira Maltija (Lm116) fis-sena. Ghalhekk erba’ mija u sitta u sittin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm466.44) + elfejn u tnejn u tnejn u hamsin (Lm2052) + mija u sittax il-lira Maltija (Lm116) = elfejn, sitt mija u erbgha u tlettin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm2,634.44).

Illi l-konvenuta min-naha taghha ghandha pensjoni mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u l-manteniment:- sebgha u ghoxrin lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm27.12) (pensjoni) + lira u erbgha u tlettin centezmu (Lm1.34) (bonus) + hmistax il-lira Maltija (Lm15) manteniment li jammontaw ghal tlieta u erbghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm43.46) fil-gimgha. Kwindi l-konvenuta tippercepixxi annwalment l-ammont ta’ tlieta u erbghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu fil-gimgha ghall tnejn u hamsin gimgha (Lm43.46 x 52) ammontanti ghall elfejn, mitejn u disgha u hamsin lira Maltija (Lm2,259) + mija u sittax il-lira Maltija (Lm116) bonuses li jammonta ghal elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm2,375.92).

Illi b’hekk irrizulta li l-partijiet bejn wiehed u iehor ghandhom l-istess ammont ta’ ntrojtu – ftit hemm varjazzjoni. It-tnejn iddikjaraw li m’ghandhom ebda ntrojtu iehor. It-tnejn li huma ghandhom l-ispejjez tad-djar fejn joqghodu w ovvjament l-ispejjez ghall-hajja ta’ kuljum. Illi ma jidhirx li hemm spejjez kbar involuti miz-zewg nahat. Ghalkemm il-konvenuta elenkat diversi spejjez jinghad li ghoxrin lira Maltija (Lm20) fis-sena kera hu ammont minimu. Anki l-ammont minfuq f’medicini mhux wisq u certament li wiehed jista’ jhallas bid-dhul taghha. Rigward l-Universita’ tat-Terza Eta’ u l-mizata ghall-assocjazzjoni din kienet ghazla taghha u ghandha tbatihom hija. Hija allegat ukoll li d-dar fejn toqghod ghandha bzonn hafna spejjez pero` l-ebda prova ma ngabet dwar dan.

Illi pero’ l-attur ammetta hu stess li rcieva ghaxar t’elef lira Maltija (Lm10,000) meta spicca mix-xoghol li minnhom ma hadet xejn il-konvenuta. Hu xehed li parti minnhom nefaqhom u parti tefaghhom il-bank. L-ammonti ma gewx identifikati, izda certament li l-istess attur *ex admissis*

utilizza l-istess ammont u anke haddem parti mill-istess ammont, bla ma informa lill-konvenuta xejn dwar dan, izda li certament din il-Qorti ma tistax tinjora tenut kont tal-fatt li dan huwa bazi ta’ intorjtu iehor ghall-attur, li l-kapital tieghu jidher, u ghalhekk l-istess introjtu ma huwiex kollha tieghu, stante li qatt ma giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u lanqas saret talba ghall dan, ghar-ragunijiet li l-partijiet biss jafu ghaliex.

Illi wara li l-Qorti rat dan kollu tasal ghall-konkluzjoni li l-introjtu tal-partijiet huwa wiehed limitat u kwindi m’hemmx hafna fejn wiehed jista’ jvarja. Illi pero’ tenendo kont tas-sitwazzjoni kollha jidher li t-talba tal-attur m’ghandhiex tintlaqa’ fl-ewwel lok ghax ma rrizultax li s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu giet effettwata b’mod negattiv u wisq anqas il-livell ta’ ghixien tieghu, anke tenut kont tal-investiment li huwa ghamel tal-fondi li kienu qed jigu amministrati minnu. Anzi hu stess qal li jhobb imur jizfen u jiekol barra u sahansitra li jsiefer. Min-naha l-ohra l-konvenuta ma jidhirx li qed tbati biex tghix hajja decenti li tixraq lil kull bniedem izda ovvjament ghandha certu spejjez anki rigwardanti sahha u wiehed irid jikkunsidra wkoll l-gholi tal-hajja. Illi kwindi din il-Qorti thoss li jkun gust illi l-manteniment li l-attur ighaddi lill-konvenuta ghandu jkun fl-istess ammont ta’ hamsa u sittin lira Maltija (Lm65).

Illi fic-cirkostanzi ghandu xorta jibqa’ japplika dak provdut fl-**artikolu 2 tal-Kap 16** riportat fis-sentenza ta’ bejn l-istess partijiet fl-ismijiet **“Mary Anne Carbonaro vs John Carbonaro”** (Citaz. Numru 1184/95/VDG) deciza fid-19 ta’ Dicembru 1995, li jipprovdi li:-

*“Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja”.*

Ili ma dan jirreferi ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 20 tal-Kap 16** partikolarment is-subartikoli hawn citati u cjoe`:-

*“(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min jaghtih”.*

*“(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta’ min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta’ utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli”.*

Illi huwa wkoll ovvju li sabiex tirnexxi t-talba attrici, l-attur irid jipprova dak li hemm provdut fl-**artikolu 21 tal-Kap 16,** li huwa ma jistax aktar jaghti dak il-manteniment jew parti minnu, u li jwassal ghall-konsegwenti tnaqqis jew eliminazzjoni tal-istess somma ffissata, jew bi ftehim jew b’sentenza tal-Qorti, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi fuq prodotti, ic-cifri kollha fuq indikati, u wkoll l-introjtu kollu tal-attur, flimkien mal-introjtu kollu tal-konvenuta, u l-bzonnijiet rispettivi taghhom, din il-Qorti thoss li dan l-attur ma rnexxilhux jaghmlu, anke jekk ipprova jhalli barra mill-kwsitjoni l-introjtu tieghu mis-somma sostanzjali li huwa rcieva *ex admissis* meta spicca mill-impjieg tieghu, u dan ghal skopijiet ovvji.

Illi min-naha l-ohra l-istess konvenuta wkoll ma rnexxilhiex tghaddi mill-istess ezami ta’ provi ‘nkwantu tirrigwarda l-kontro-talba taghha u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz lanqas hemm il-lok li tali retta aliminatari tigi b’xi mod awmentata.

Illi ghalhekk kemm it-talba attrici u kemm il-kontro-talba tal-konvenuta ghandhom jigu michuda.

**<u>III.KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici kontra l-attur.

Illi wkoll u ghall-istess motivi fuq elenkati, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad il-kontro-talba tal-konvenuta** stante li hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**